XGĦAJRA

Minuti tat-Tielet (3) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fit-23 ta' Settembru 2009.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Vici Sindku | Joe Azzopardi |
| Kunsilliera | Antonia Buttigieg |
| | Mario Buhagiar |
| | Marie Claire Depasquale |
| | |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju | Carmelo Camilleri |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija u approvati

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – *Matters Arising* – Inħasset il-ħtieġa li jiġi identifikat parti mill-Batterija Delle Grazie, binja li sservi bħala Work Shop. Joseph Azzopardi ġie nkarigat li jieħu ħsieb.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Korispondenza – Fost il-korrispondenza ta importanzza kien hemm:

   (a) Konferma li l-Kunsill tax-Xghajra se jircivi fondi specjali sabiex jinxtraw aktar kotba għal-Librerija.

   (b) Li l-Kunsill ircieva Fondi Specjali ta' €15,000 biex jgħamlu tajjeb għan-nuqqasijiet fosthom u l-aktar hija zzamma ta' l-indafa pubblika fil-lokalita li dan l-aħħar marret lura mhabba diversi

nuqqas ta' kenniesa, kif ukoll kien hemm ħsara fil-Bins on Wheels parti mhabba l-vandalizmu u parti mħabba l-*wear and tear*.

(c) Il-Kunsill ġie nfurmat li s-slipway fil-parti tax-Xatt mgħarufa bhala tat-Talk se titranga skond il-ftehim MOU bi spiza ta € 31,945.

5. Item Nru 5 fuq l-aġenda – L'Infieq għax-xhur ta Lulju u Awwissu 2009 gew ratifikati u approvati.

6. Item Nru 6 fuq l-aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

Wara li s-Sindku ta rendikont fit-tul u dettaljat tax- xogħol li qed jsir fix-Xgħajra kemm dak ta rutina mill Kunsill kif ukoll dak li qed jsir mill-kuntaratturi skond MOU. Poġġa fuq il-mejda lista dettaljata ta dan ix-xogħol.

7. Item Nru 7 fuq l-aġenda – Affarijiet oħra –

(a) Se ssir attivita fil-kumpless tal-Pikles – Disma Horse Stables li tikkonsisti f'serata ta l-għana u wkoll Wirja bi premjijiet taz-Zwiemel. Il-Kunsill appogga din l-attivita u se jgħin kif jistgħa.

(b) Presentament qed jiġi kompilat data base ta persuni li huma ntitolati biex jieħdu l-injection għal influenza komuni li hu maħsub li tingħata fl-ewwel gimgħa ta Novembru 2009. Il-Kunsill jipprovda premises, kif ukoll nurses biex jgħamlu dan is-servizz bxejn.

(c) Il-Gimgħa 2 ta Ottubru fil-Librerja se ssir laqgħa pubblika mill GAL-Xlokk u dan biex jiġi spejegat l-għan tal-Gal –Xlokk u jkun hemm suggeriment da part tal-pubbliku x'wieħed jista jgħamel fil-lokalita min fondi allokati mill EU. Ir-residenti kollha se jiġu avzati permess ta cirkullari.

(d) Ġie maqbul wkoll li tingħatat card ta €10 kull xahar lill kull kunsillier bhala spejjes tat-telephone cellular li jkunu qiegħdin juzaw skont id-dekasteri tagħhom.

8. Item Nru 8 fuq l-aġenda – Aġġornament – Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar It-Tlieta 3 ta Novembru 2009 fil-5.30pm.

______________________________

______________________________

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt